KUNSILL LOKALI TAL-IMTARFA

# MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali tal-Imtarfa

## IS-SEBA' LEĠIŻLATURA

## Laqgħa Numru 48

**It-Tnejn 17 ta' Ottubru 2022**

Il-Kunsilli Lokali tal-Imtarfa ltaqa' fis-Sala tal-Kunsill fil-5:30 ta' filgħaxija.

**PREŻENTI:**
Kyle Mifsud – Sindku
Marika Sammut Dimech – Viċi Sindku
Dott. Daniel John Attard – Kunsillier
Simon Paul Fenech – Kunsillier

**ASSENTI B'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):**
Christianne Mifsud – Kunsillier

**ASSENTI**

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

Josette Micallef – Segretarju Eżekuttiv

## Minuti

## 48.1 Qari tal-Apoloġiji

48.1.1 Is-SE infurmat li kienet irċeviet nota ta' apoloġija mingħand il-Kunsillier Mifsud minħabba li kienet inqabdet xogħol.

## 48.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti 47

48.2.1 Is-Segretarju Eżekuttiv (SE) preżentat il-minuti tal-laqgħat preċedenti li kienu meqjusa moqrija.

48.2.2 Il-minuti tas-seduta numru 47 ġew approvati b'mod unanimu u ġew ffirmati mis-Sindku u mis-SE.

## 48.3 Kommunikazzjoni mis-Sindku

48.3.1 Is-Sindku informa li l-Kunsill kien ġie infurmat li rebaħ is-somma ta' €2869.08 għal attività fil-Milied li ġej li tikkonsisti f'festin għat-tfal li jinvolvi filmat fil-beraħ. Din se tkun marbuta wkoll ma' ġbir ta' ikel għal min hu inqas ixxurtjat. Kien hemm qbil li d-data għal din l-attività għandha tkun it-12 ta' Diċembru.

48.3.2 Is-SE fakkret ukoll li ż-żewġ entitajiet tal-iscouts kienu qed jieħdu ħsieb l-organizzazzjoni ta' Xmas Market fil-ġnien ta' wara t-torri tal-Ilma għal nhar il-Ħamis 8 ta' Diċembru 2022.

48.3.3 Is-Sindku informa li kien ġie infurmat mill-Perit Vassallo li kien sejjer jara l-problema tad-dawl ta' bejn il-*barracks*. Is-Sindku informa li kien attenda wkoll għal laqgħa miegħu dwar il-problema ta' Triq il-Pepprin fejn kien hemm qbil li jsir sprall. Fuq talba uffiċjali li saret lil IM kien hemm qbil ukoll li jsir sprall ieħor fil-parti t'isfel ta' Triq il-Ġiżi qabel il-VC. Kienu qablu wkoll li fil-parti pedonali ta' Triq il-Ġiżi, għandu jsir pavimentar ġdid u ranep ġodda biex din il-parti ssir aċċessibbli għal persuna b'wheelchair.

48.3.4 Is-Sindku informa li kellu l-konferma li l-Korporazzjoni Enemalta se tieħu ħsieb tagħmel id-dawl fi Triq Gregorio Carafa.

48.3.5 Hawnhekk is-Sindku informa wkoll li l-Awtorità tal-Ippjanar kienet approvat il-proġett ta' Pjazza San Oswald u għaldaqstant kien inbeda l-proċess biex jinġabu l-fondi meħtieġa biex dan il-proġett isir.

48.3.6 Is-Sindku informa li kien bagħat *email* lis-Segretarju Permanenti dwar fondi li kienu ġew imwiegħda biex jitkompla x-xogħol fuq il-Visitors Centre.

48.3.7 Hawnhekk semma' li fil-preżent kien hemm miftuħa l-applikazzjonijiet għal proġetti bil-fondi tal-LESA. Wara diskussjoni kien hemm qbil li minħabba li l-massimu tal-fond huwa pjuttost kbir (€80,000), il-Kunsill kellu jitfa' applikazzjoni biex jinbena mill-ġdid il-belvedere tal-bosk biex ikun jista' jerġa' jibda jitgawda minn kulħadd. Is-SE għandha tieħu ħsieb li tibda l-proċess

mill-aktar fis possibbli minħabba li d-data tal-iskadenza tal-applikazzjoni hija l-4 ta' Novembru 2022.

48.3.8 Is-Sindku informa li kien ġie infurmat li dwar il-proġett tal-pjazza kienu saru xi tibdiliet żgħar u li l-offerta kellha terġa' tiġi ppubblikata fil-ġimgħat li ġejjin.

48.3.9 Fuq suġġeriment tas-Sindku kien hemm qbil li s-SE għandha tikteb lid-Direttur Ġenerali biex isir ftehim mal-PWD fuq xogħlijiet fil-lokalità bil-ħaddiema tad-Dipartiment fejn il-Kunsill ikun obbligat biss li joħroġ il-fondi neċessarji sabiex jinxtara l-materjal.

48.3.10 Is-Sindku ressaq it-talba mill-ġdid li jinġabu kwotazzjonijiet għal servizz legali ġdid u talab lill-Kunsillier Dr Attard biex iġib xi kwotazzjonijiet. Is-SE ġibdet l-attenzjoni li fil-preżent il-Kunsill kien qed iħaddem dan is-servizz permezz ta' *retainer* baxx fix-xahar. Għaldaqstant infurmat li l-istess bħalma kienet qalet xi xhur qabel meta ġiet diskussa din il-materja, huwa importanti li l-Kunsill iżomm f'moħħu biex il-kwotazzjonijiet li jinġabu ma jeċċedux l-ammont li qed jitħallas fil-preżent minħabba li l-Kunsill ikun irid jagħmel tajjeb għall-għoli fis-servizz minn fondi oħra.

48.3.11 Is-Sindku informa li kien avviċinah il-kuntrattur tal-iskart goff sabiex ibiddel il-ġurnata tal-ġabra minn l-Erbgħa għat-Tlieta. Kien hemm qbil li bħala Kunsill m'hemmx oġġezzjoni fil-prinċipju imma possibbilment għandu jżomm l-istess ġurnata li għandu bħalissa. Hawnhekk is-SE ġibdet l-attenzjoni li ladarba qed jitlob tibdil mill-ispeċifikazzjonijiet tal-offerta tiegħu, għandu jagħmel it-talba bil-miktub u r-risposta lura tingħata wkoll bil-miktub sabiex ikun hemm rekord tal-kommunikazzjoni.

## 48.4 Offerta MTFLC/T/002/2022 – *Tender for the installation of mechanical and electrical (M&E) Services at the Mtarfa Visitors Centre (re-issue)*

48.4.1 Is-SE uriet kopja tar-rapport tal-bord tal-evalwazzjoni fejn ġie kkonfermat li wieħed mill-offerenti kien *fully compliant* filwaqt li l-ieħor ma kienx. Għaldaqstant fuq rakkomandazzjoni tal-bord, ġie maqbul li l-offerta tingħata lill-offerent li kien iċ-*cheapest compliant*.

48.4.2 Is-SE kienet se tmexxi bl-għoti tal-offerta.

## 48.5 Petizzjoni – Ċentru Terapewtiku għal Żgħażagħ b'Imġiba Ħażina

48.5.1 Is-SE infurmat li kienet għaddiet kopja tal-petizzjoni permezz tal-*email* biex jaraha kulħadd u talbet lill-Kunsill jikkonferma jekk tistax tiġi ċċirkolata din il-petizzjoni mar-residenti.

48.5.2 Wara diskussjoni, il-membri kollha preżenti qablu li f'dan l-istadju l-Kunsill m'għandux jippubblika din il-petizzjoni minħabba li kienet ġiet ippubblikata stqarrija min-naħa tiegħu fejn uriet b'mod ċar u aċċertat lir-residenti dwar il-pożizzjoni tal-kunsill. Għaldaqstant kien hemm qbil unanimu li l-petizzjoni għandha tiġi postposta għal aktar tard dejjem jekk ikun hemm bżonn sabiex naċċertaw li tkun aktar effettiva.

## 48.6 Mdina Grand Prix 2023

48.6.1 *Is-SE infurmat li aktar tard se ssir laqgħa mar-rappreżentanti tal-Malta Classic sabiex tibda l-konsultazzjoni dwar l-immaniġġjar tat-traffiku u l-organizzazzjoni tal-attività għas-sena 2023.*

*Gbidna l-attenzjoni dwar il-bzonn li l-enforcement officers ikunu mgharrfa mhux jintbaghtu fuq is-sit minghajr informazzjoni. Se ssir one way circular system. Triq tac-Chadwick Lakes importanti li tkun miftuha imma hemm tad-Dwejra wkoll (plan B).*

*Gheluq ta' toroq – gimgha flghaxija biex jarmaw possibbilment se tinghalaq tal-mushrooms biss ghas-7pm (hrug mill-bypass) u s-sibt tinghalaq il-bypass mis-7am sal-7pm. Bil-lejl jinfetah normali u l-Hadd l-istess u tibqa' miftuha.*

*Enforcement officers – bil-lejl xejn. Waqt l-gheluqijiet biss - 3 Chadwick Lakes, ha nikkalkulaw u ninfurmawhom.*

*Talba ma' TM u Lesa biex jigu briefed minn qabel.*

*Aċċess għall-komunità – stand ghall-komunità – Pjazza San Oswald.*

*Jippruvaw igibu l-konkors fl-Imtarfa – forsi possibbilment quddiem it-torri tal-arlogg – Gurnata on a Friday*
*VIP Access – x 6*

*Attivita' ohra -*

## 48.7 Assoċjazzjoni Kultura u Ambjent Imtarfa (AKAM)

48.7.1 *Is-SE infurmat li wara l-laqgħa mar-rappreżentanti tal-Malta Classic kienet se tinżamm laqgħa oħra mal-Assoċjazzjoni ġdida bl-isem ta' AKAM, li hija rappreżentanza ta' residenti Mtarfin.*

*Paul Gatt, Steve Cilia, William Attard McCarthy – mhux se jkun hemm affiljazzjonijiet politici u se tkun miktuba fl-istatut. Assocjazzjoni ffukata fuq kultura u ambjent u l-iskip li jahdmu flimkien maghna bhala NGO ufficjali. Ikun hemm opportunitajiet ta' fondi wkoll. Se tkun membership based bhala assocjazzjoni.*

## 48.8 Punti Oħra

48.8.1 Is-SE infurmat li kienet irċeviet kopja ta' notifika dwar tibdil ta' użu ta' ħanut għal pastizzeria fi Triq l-Imtarfa. Il-Kunsill qabel li għalkemm mhux l-intenzjoni li l-Kunsill iwaqqaf ebda negozju, għandha tiddaħħal notifika bhala *interested party* biex ikun hemm għarfien dwar xi żviluppi jkun hemm dwar dan il-każ.

48.8.2 Sadanittant infurmat li kellha talba mingħand il-pulizija tal-komunità biex issir applikazzjoni għal *un/loading bay* f'din l-istess żona (faċċata tal-ħanut taż-żebgħa). Il-Kunsill qabel li ssir applikazzjoni sakemm din tkun ikkontrollata bil-ħin mit-8:00am sa nofsinhar biss mit-Tnejn sal-Ġimgħa. Kien hemm qbil ukoll li Monday to Friday – kwarta biss.

48.8.3 Is-SE infurmat li kienu nġabu xi kwotazzjonijiet għat-tiżjin tal-Milied. Tat spjega fuq fuq ta' x'se jkun hemm.

48.8.4 Is-SE infurmat li kien hemm proposta sabiex jitwaħħlu tabelli kontra l-Vjolenza Domestika madwar Malta. Fir-rigward tal-lokalità tal-Imtarfa dawn kienu qed jiġu proposti li jitwaħħlu xi mkien viċin it-Torri tal-Arloġġ kif ukoll fil-bosk, bil-veduta tal-Imdina. Il-Kunsill qabel li naghmlu wahda hdejn il-primary school u ohra hdejn il-bandli (bus stop)

48.8.5 Is-SE infurmat li kif kien ġie diskuss kienet iddaħħlet applikazzjoni għall-finanzjament ta' 30 pannella fuq il-bejt tal-Kunsill. Hija infurmat li sadanittant kien se jkun hemm bżonn ta' xi manutenzjoni fuq il-membrane u l-kontrabejt għaliex kien qed jidħol xi ilma u għaldaqstant kienet se ġġib xi kwotazzjonijiet għal dan ix-xogħol biex kemm-il darba dawn il-flus jintrebħu, ix-xogħol preparatorju jkun bil-lest.

48.8.6 Is-SE infurmat li min-naħa tad-DLG kienu talbu lill-Kunsill jekk isibx oġġezzjoni biex skont il-linjigwida li nħarġu riċentament mill-Ministeru tal-Ambjent, id-dawl u l-funtana fi Ġnien l-Imtarfa jintfew ma' nofsillejl. Il-Kunsill .... il-funtana biss.

48.8.7 Pigeon Feeder – is-Sindku qed jipproponi li jitmexxa ħdejn it-torri tal-ilma – napplikaw ghal wahda gdida.

48.8.8 Is-SE infurmat li kienet irċeviet kommunikazzjoni mingħand residenta dwar il-*merry-go-round* li kienet inqalgħat minn Ġnien l-Imtarfa u twaddbet fi Triq is-17 ta' April. Kien hemm qbil li nbieghuha.

DA - Kelli talba ghal disabled parking bay –CHECK WITH TM

Progett tal-bosk – kellem lis-sapport KM.

## 48.12 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Iskeda ta' Pagamenti

48.12.1 Il-Kunsill approva l-lista tal-pagamenti (Skeda Nru. 10/2022), kopja tagħha mehmuża.

48.12.2 Il-Kunsillier Marika propona l-approvazzjoni filwaqt li l-Kunsillier Simon issekondat u għaldaqstant il-lista tal-pagamenti ġiet iffimata mis-Sindku u mis-SE.

## 48.13 Tmiem tal-laqgħa u d-data tas-seduta li jmiss

48.13.1 Il-laqgħa spiċċat fis-7:10pm ou ġiet aġġornata għall-Ħamis 17 ta' Novembru 2022 fil-5:30pm.

Konfermati, illum Novembru 2022.

Kyle Mifsud
Sindku

Josette Micallef
Segretarju Eżekuttiv